# 170 Sena ilu: Ċimiterju ta' Wied Għammieq



Kienet is-sena 1837 meta f'Malta tfaċċat il-kolera u b'hekk ngħata bidu għaċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq. Għaldaqstant, il-Bord Editorjali ħaseb sabiex jippubblika intervista li saret mill-mibki Kan. Dun Joe Bugeja nhar il-Ħamis 29 t'Ottubru 1964 fil-11.00am, lill-Kappillan tal-Kalkara ta' dak iż-żmien, il-mibki Dun Alwiġ Debono, sabiex tiġi ppubblikata ftit tal-jiem wara.

*1. Kappillan, kif beda dan iċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq?*

Iċ-Ċimiterju hekk imsejjaħ "ta' Wied Għammieq" jinsab in-naħa tar-Rnella, fil-limiti tal-Kalkara, fit-trufijiet tal-Parroċċa. Dan iċ-Ċimiterju oriġinarjament kien imsejjaħ "l-Għalqa tal-Mejtin". Fih ġew midfuna biss dawk li mietu nfettati bil-kolera. Anzi dan iċ-Ċimiterju huwa miżmum minn kull min jafu bħala tifkira tal-Kolera, li dehret fuq il-gżejjer tagħna fis-sena 1837.

*2. Allura Kappillan, lil min kienu jidfnu fih?*

Il-Furjana ħdejn id-Depot tal-Pulizija, int u nieżel lejn Sa Maison, hemm post imsejjaħ "l-Ordinanza". Dan il-post ġie mibni mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena biex iservi bħala Sptar. Fih kienu jirrikoveraw ix-xjuħ li ma kellhomx min jieħu ħsiebhom. Dan il-post kien u għadu magħruf bħala "l-ospizju tax-xjuħ". Meta fis-sena 1837 dehru xi każi tal-kolera fost ix-xjuħ tal-ospizju, biex din il-marda ma tkompliex tinfirex fost l-abitanti tal-Belt Valletta u l-Furjana, l-awtorità sanitarja ta' dak iż-żmien ordnat li x-xjuħ tal-ospizju tal-Furjana jiġu evakwati fil-Fortizza tar-Ricasoli. Madankollu, l-epidemija xorta waħda għamlet straġi mix-xjuħ tal-ospizju u minn eluf ta' nies oħra. Jingħad li f'40 ġurnata, ċioè mid-9 ta' Ġunju sad-19 ta' Lulju 1837, mix-xjuħ biss li kienu rrikoverati fil-Fortizza tar-Ricasoli mietu 455. Dawn ġew kollha midfuna f'għalqa mħejjija għalihom, fejn illum hemm iċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq.

*3. Għaliex din id-devozzjoni qawwija lejn l-erwieħ ta' Wied Għammieq, Kappillan?*

Id-devozzjoni lejn l-erwieħ ta' Wied Għammieq, mhux biss hi magħrufa fil-bliet u rħula kollha ta' Malta u Għawdex, iżda anki barra minn Malta, speċjalment fejn jinsabu l-emigranti Maltin, ngħidu aħna fl-Ingilterra, l-Amerka, il-Kanada u l-Awstralja. Ir-raġuni ta' din id-devozzjoni qawwija hija evidenti – il-kotra ta' grazzji li Alla l-imbierek jagħti lil dawk li jitolbuh bl-interċessjoni tal-erwieħ ta' Wied Għammieq. Ta' spiss nirċievi ittri minn Malta u minn barra fejn jgħarrfuni bi grazzji li qalgħu bl-interċessjoni ta' dawn l-erwieħ bil-bosta għeżież.

*4. Kappillan, jiġu xejn pellegrinaġġi minn barra l-Kalkara biex jinviżtaw l-erwieħ ta' Wied Għammieq?*

Ta' spiss u matul is-sena kollha. Però ta' min jinnota li l-aktar li jiġu pellegrinaġġi biex jinvistaw dan iċ-Ċimiterju huwa l-ewwel Tnejn ta' kull xahar u l-ġranet kollha tax-xahar ta' Novembru.



Il-Kappella u ċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq.

*5. Saru Kappillan xi affarijiet ġodda li jżommu d-dekor u r-rispett lejn dan iċ-Ċimiterju?*

Iċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq kif kulħadd jaf jinsab ħdejn il-baħar, ftit bogħod mill-*breakwater*. Fil-ġranet tax-Xitwa, ir-raxx tal-baħar filwaqt li jgħaddi min-naħa għall-oħra taċ-Ċimiterju, jagħmillu ħsara kbira. Minħabba f'hekk, il-Kappella l-antika u l-faċċata taċ-Ċimiterju bdew jaqgħu biċċa biċċa. Minflok il-Kappella l-antika, inbniet oħra akbar u isbaħ fi żmien il-Kappillan ta' qabli, Dun Karm Xuereb, illum Arċipriet tal-Furjana, u minflok il-faċċata l-antika, propju ftit xhur ilu nbniet oħra isbaħ u ta' materjal li jirreżisti r-raxx tal-baħar. S'intendi, dan kollu sar bil-kontribuzzjonijiet li jingħataw mid-devoti taċ-Ċimiterju.

*6. Kappillan, nagħmillek l-aħħar mistoqsija. Isiru xi funzjonijiet reliġjużi għall-erwieħ ta' dan iċ-Ċimiterju?*

Fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq jiġi ċċelebrat quddies lett matul is-sena kollha. Dan il-quddies jiġi ċċelebrat jew f'okkażjoni ta' xi pellegrinaġġ jew meta xi ħadd ikun qala' xi grazzja u wara jiġi jissodisfa l-wegħda li jkun għamel mal-istess erwieħ. Però fl-1 ta' Novembru kull sena, jitlaq pellegrinaġġ mill-Knisja Parrokkjali. Meta jasal fiċ-Ċimiterju, isir diskors taċ-ċirkustanza u wara li jsir il-kant tal-libera, jitbierku l-oqbra. Dan għamilnieh nhar il-Ħadd li għadda, l-ewwel jum ta' Novembru, iddedikat lill-Erwieħ imqaddsa tal-Purgatorju.